Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

L-GĦAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 20 – Il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2026 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2026 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

**Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**20.1 Talba**

20.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

20.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

## 20.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

20.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

## 20.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.4.1 Is-Sindku għamel referenza għal *Get Together* tal-Kunsill tal-festi tal-Milied li nżamm ġo farmhouse. Sar qbil li għandna nirringrazzjaw bil-miktub lis-sid li għoġbu joffrilna l-venue mingħajr ħlas. Il-Get together kienet suċċess u kien mument li bħala Kunsill, ħaddiema u staff flimkien mal-familjari kellna ftit mumenti ta' awgurji.

20.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-ewwel laqgħa li nżammet tat-Task Force tal-Port tal-Imġarr li tagħha l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar ħatar lis-Sindku bħala membru. L-għan ta' dan it-Task Force hu li joffri soluzzjonijiet short, medium u long terms dwar il-problema ta' traffiku u immaniġjar tal-port. L-ewwel ħaga li ser issir ser jaraw kif jitnaqqas it-traffiku, l-parkeġġ, ħinijiet tat-tluq tal-vapuri eċċ.

20.4.3 Is-Sindku għamel referenza għar-rapport li daħal fuq facebook dwar papri żgħar li mietu u l-ġibja tal-papri bl-ilma aħdar. Huwa spjega li dan mhux fil-kontroll tagħna u il-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibli għalkemm mhux fil-kompitu tiegħu sabiex l-annimali f'Ta' Passi inkluż qtates u tiġieġ jkollom l-għalf u ikel meħtieġ. L-ilma tal-papri billi hu ilma qiegħed hu impossibli li ma jiħdarx fi ftit ġranet u impossibli li jinbidel b'mod regolari minħabbal-ispejjez involuti u nuqqas ta' riżorsi. Il-Kunsill qabel għalhekk li kontra qalbu ser ikollna nneħħu l-papri u l-annimali u jinġiebu biss fil-perjodu tal-Milied.

20.4.4 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li l-kunsillier Stephen Mercieca ser jattendi l-laqgħa tar-Regjun, u ser ikun hemm il-Kummissarju tal-Annimali sar qbil li ghandu jgħaddilu messaġġ dwar il-problema ta' tiġieġ bla kontroll u l-problema ta' riżorsi għaż-żamma tal-annimali ta' Passi.

20.4.5 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-madum tal-Mosaic li hemm Ta' Passi b'disinn tar- Rumani mportanti li nsibulha post permanenti u addattat. Sar qbil li dan il-mosaic jitpogga fuq il-fetħa tal-isqaq fi triq Hamri li taghti għat-taraġ ta' Bejlikk.

20.4.6 Dwar ir-rilokazzjoni tat-telephone box, is-Sindku avża lill-kunsilliera li huwa bgħatt talba formali lil Go plc flimkien ma' reminders iżda s' issa għadu ma' rcieva l- ebda risposta.

20.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-laqgħa li nżammet mas-Superindent Bernard Spiteri dwar il- possibilta' li ngħinu bil-ħaddiema tagħna biex jitneħħa l-kisi fl-għassa tal-Pulizija t'Għajnsielem u jitkabbru l-ventilaturi għaliex hemm wisq umdita' li tagħmila inoperabbli. Sar qbil li kif inkunu għaddejjin bix xogħol nirranġaw il-Berġa wkoll.

**20.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

20.5.1 Il-Kunsillier Stephen Mercieca staqsa dwar meta ser issir it-twittija ta' Triq Wied Martin. Is-Sindku wieġbu li mdaħħla mal-programm ta' toroq ġodda li ntalab mill-Ministeru għal Għawdex.

20.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għal- ġnien tal MCAST li prattikament jinsab biex jinfetaħ għal pubbliku. Is-Sindku wieġbu li kien għadda dan is-suġġeriment iċda l-kap tal-iskola nsista li jappertjeni lill-iskola.

20.5.3 Il-Kunsillier Stephen Mercieca reġa talab sabiex ninsistu fuq ir-restawr tal-Frame.

20.5.4 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex induru waħda l-bankijiet li hemm fi triq l-imġarr.

20.5.5 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal kuntatt li kellu mal-Ministru tas-Saħħa rigward il-Berġa iżda l-problema hija nuqqas ta' tobba.

20.5.6 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal servizz provdu minn Kunsill Lokali f' Malta jipprovdu teacher jagħti servizz ta' għajnuna fil-homework wara l-ħin tal-iskola. Sar qbil li għandna niċċekkjaw mal-Education u naraw jipprovdux dan is-servizz.

20.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba kellu kliem ta' tifħir għal proġett tat-taraġ ta' Fuq il-Għajn. Il-Viċi Sindku Joe Debono staqsa dwar il- pjan tat-taraġ u jekk hux ser jogħla peress li persuna li għanha post f'dan is-sit oġġezzjona bil-qawwa bħalma kien oġġezzjona wkoll meta saru l-planters inizjalment Fuq il-Għajn. Is-Sindku wieġbu kif ser isiru żewġ planters tal-cortin steel bi xtieli jixxebilku. Fil parti t'isfel ukoll ser isiru xi planters baxxi, il-madum ser jinqala' u jiġi pavimentar bil-parkeġġi. Qed jitkompla l-ġibjun, ser issir central strip b'ħalq ġo fiha li jirċievi l-ilma. Ser isir vit u pompa biex jintuża għat-tisqija mill-ħaddiema tagħna. It-taraġ ta qabel kien jirċievi ammont kbir ta' ilma iżda issa żidna tarġa u nqata' ħafna ilma mit-taraġ. Issa billi qed jispiċċa fit-triq lejn Triq Ħamri ġie propost li nagħmluh jaqleb għal ġo grada f'nofs it-triq.

20.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għar-railing ta' Triq Ħamri li ma għadux jintuża u li għandna nagħmluh quddiem resident li għandu bżonnu. Il-Kunsill qabel ma' dan.

20.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għal parkeġġ tad-disabled li ma għadux jintuza fi Triq Ghajnsielem,. Is- Sindku wiegbu li konna ser inneħħuh iżda rriżulta li qed jintuza minn terzi.

20.5.10 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għal fatt li fi Triq ta' Fuq il-Għajn, hemm biċċa blind spot u hija mudlama sabiex naraw jistax isir xi fanal fil kantuniera qabel tinżel it-taraġ. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekjaw u naraw x'inhu meħtieġ.

20.5.11 Il-kunsillier Teddy Saliba f'isem l-Għaqda Presepji Għajnsielem, ressaq it-talba jekk għandniex spazzju fejn inpoġġu container biex jużawh bħala store. Il-Kunsill offra li jista jitpoġġa ġol-għalqa li kera l-Kunsill fi Pjazza Tolfa.

20.5.12 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall-istess Ghaqda peress li f'Settembru ser issir attivita' fejn jixtieqe jibnu ghar tas-sejjieħ u juzawh biex jgħallmu lit-tfal kif jibnu presepju. L-Ghaqda ser tħallas professjonisti biex jgħallmu din it-tradizzjoni.

20.5.13 Is-Sindku wieġeb li qed nistennew skema li nkunu nistgħu napplikaw sabiex nagħmlu presepju u l-pasturi jkunu karattri minn Għajnsielem.

20.5.14 Il-Vici Sindku Joe Debono lmenta dwar in-nuqqas ta' dawl li hemm fi Triq Dun Guzepp Galea Rapa in-naħa tal-maħżen..

20.5.15 Il-Vici Sindku Joe Debono għamel referenza għal bankina fi Triq Ħamri fejn hemm bzonn jinqalghu l-ewwel erba kantuni kemm bniedem jista jghaddi minn fuq il-bankina.

20.5.16 Il-Vici Sindku Joe Debono talab sabiex naraw x'ser naghmlu ghaz-zuntier tal-knisja l-qadima peress li t-turġien qed jiġu milquta mit-trakkijiet. Sar qbil li għandna nagħmu xi protective bollards.

20.5.17 Il-kunsillier Larry Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-Platform tax-Xatt l-Aħmar inqalħet bil-maltemp u jinħtieġ naraw li terġa titwaħħal biex ma ssirx aktar ħsara. .

20.5.18 Il-Viċi Sindku Joe Debono talab li peress li issa li ser jibdew id-Dehriet ta' Lourdes jixraq li naraw li t-taraġ ta' Lourdes ikun imnaddaf sewwa.

**20.6 Korrispondenza**

20.6.1 Ġiet trattata t- talba sabiex is-sinjal isfar fi Triq Gudja kantuniera ma' Triq Sant 'Antnin jiġi estiż peress li x-xarabank tal-istudenti tal-iskola mhix tkun tista ddur.

20.6.2 Ġiet trattata t-talba ta' xi uħud sabiex il-kors tal-bizzilla jibda jsir filgħaxija għal min jkun xogħol. Ġie deċiż li għandu jibqa kif inhu peress li l-akbar attendenza għalih hija tal-adulti li jippreferu filgħodu milli jattendu fil-kesħa ta' filgħaxija.

20.6.3 Ġiet trattata wkoll il-problema ta' double yellow lines fi Triq Fuq il-Għajn li x'aktarx hemm sinjali li mhumiex koperti bil-permess. Ser jiġu Transport Malta jikkonfermaw dan.

20.6.4 Ġiet trattata t-talba mill-Għaqda Mużikali dwar possibilta' li jitneħħew il-planters quddiem il-garaxxijiet, il-parkeġġ tal-muturi filwaqt li xtaqu wkoll li ma jinżammux attivitajiet quddiem id-daħla tal-garaxxijiet. Is-Segretarju tal-Għaqda ġie kkuntatjat dwar dan u ġie spjegat li l-attivitajiet nistgħu nagħmluhom bil-pemess bhal f'kull post ieħor. Rigward il-planter ġie deċiz li jekk hemm xi problema ħabba l-użu tal-garage jistgħu jitħarrku. Il-parkeġġ tal-muturi sar bl-approvazzjoni ta'Transport Malta.

20.6.5 Ġiet trattata wkoll it-talba sabiex fis-sajf jinżamm kors ta' 3D printing. Il-Kunsill qabel li jsir għax tkun ħaġa sabiħa u nnovattiva.

20.6.6 Ġiet trattata t-talba mill-Bird of Prays sabiex jagħmlu wirja bl-għasafar f'Għajnsielem. Huma talbu s-somma ta' €350. Sar qbil li għandna nieħdu nota tagħha u tiġi l' quddiem kkunsidrata parti mill-attivitajiet ta' Ljieli Sajfin.

20.6.7 Ġiet trattata t-talba għall-bozza ġdida fi Triq Provigarju fil-kantuniera minn Triq il-Ġnien. Sar qbil li għandna niċċekjaw dwar din il-ħtieġa.

20.6.8 Ġiet trattata l-ittra mingħand Jason Sultana li fid-9 ta' Diċembru kellu inċident u għamel ħsara fil-vettura tiegħu kaġun ta' pothole li kien hemm fi Triq Simirat qabel tinżel għal Triq Wied Rgħajjes. Din il-pothole saret kaġun tax-xita fejn inqala' c-cement ta' servizz ġdid tad-drenaġġ li sar minn kuntrattur għal residenza privata. Huwa qed jitlob kumpens għad danni. Il-Kunsill se jkun qed jieħu parir legali anke minħabba l-fatt li t-trinka ma saritx mill-kunsill u l-kunsill xorta daħħal ħaddiem barra mill-ħin tax-xogħol biex jimla t-toqba hekk kif ġejna infurmati.

**20.7 Karnival 2026**

20.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal finanzjament li ħadna sabiex inżommu din l-attivita' li jinkludu €6,000 minn Skema tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif ukoll €1,500 mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

20.7.2 Sar qbil li l-attivita għandha ssir nhar l-14 ta' Frar mis-13:30 'l quddiem.

20.7.3 Il-format se jkunu simili għas snin ta' qabel cioe' dak tradizzjonali biż-żfin u karrijiet quddiem il-każin tal-Banda u se jinkludi zfin minn kumpaniji varji, maskeruni, karrijiet, banda u wkoll kompetizzjonijiet tal-isbaħ kostum.

**20.8 St.Patricks 2026**

20.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif għal din l-attivita' ngħatajna €8,000 mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. L-attivita se ssir nhar is- 17 ta' Marzu 2026 bejn is-13:30 u nofsilejl.

20.8.2 Il-kunsill qabel li bħala programm ta' bands għandu jkun kompost kif gej:- 13:30pm: Folk Irish, 14:00pm Out of the Blues 3:30pm Divine Sinners, 5:00pm Charlene, 6:30 Straightahead, 8:00pm Cash, 9:30pm Dj Alex Grech.

20.8.3 Għaddejin diskussjonijiet ukoll ma' Farsons għall-isponsor u ma' Għajnsielem FC biex din is sena jsibu huma sponsor għal Band minnhom. Il-format se jkunu simili għas snin ta' qabel.

## 20.9 Wara l-Milied

20.9.1 Is-Sindku aċċena għall-attivitajiet u programm tal-Milied f'Għajnsielem għal darb'oħra kien suċċess kbir. Kellna xahar ippakkjat bl-attivitjiaet u tiżjin mill-isbaħ fejn ġew organizzati aktar minn erbgħin attivita' nkluż dawk organizzati mill-għaqdiet wkoll.

20.9.2 Jidher li Bethlehem f'Għajnsielem kien hemm attendenza tajba ħafna u din is-sena l-Kumitat ta' Bethlehem f'Għajnsielem ġabar €16,585 li huwa ammont għola mill-2024. Grazzi tmur għal Għaqda Sinfonia del Sol li għal darb'oħra ħadet ħsieb id-donazzjonijiet u se żżomm 20% minnhom u l'bqija jmorru kontra l-ispejjeż biex setat saret din l-attivita. .

20.9.3 L-attivitajiet ta' Ġieħ Għajnsielem u l-pussess u ftuħ tas-Siġra tal-Milied wkoll kienu suċċess. Din is-sena għall-ewwel darba saret ukoll trasmissjoni diretta tal-Istrina mill-parkeġġ ta' Bethlehem.

20.9.4 Bonġu Malta xxandar live fuq TVM minn Għajnsielem fit-28 Diċembru u kien wkoll suċċess kbir fejn jidħol xenarju, stands ta' artisti u voluntiera kif wkoll għal mod kif ġie organizzat il-programm.

20.9.4 L-attivita tas-Slaten Maġi, 3 u 4 ta' Jannar, wkoll kienet suċċess fejn kien hemm konkorrenza tajba u anke kienet esperjenza sabiħa tas-Slaten Maġi li żaru il-Palazz tal-President, ħabs ta' Kordin u Dar il-Providenza, Ħal Qormi, Mġarr, Mellieħa u għal ewwel darba id-djar tal-anzjani ta' San Ġużepp f'Għajnsielem.

20.9.5 Il-Kunsilliera għamlu żjara wkoll lill-anzjani ta' Dar San Guzepp fl-okkazzjoni ta' dawn il-festi.

20.9.6 Kellna talba mill-Banda San Ġużepp sabiex jagħmlu użu (mhux kummerċjali) mill-forn is-sena kollha u jinstallaw submeter sabiex jħallsu il-konsum tad-dawl. Il-Kunsill qabel ma' dan u li dawk l-Ghaqdiet li jixtiequ jibqgħu jużaw l-kamra tagħhom għal xi get-together matul is-sena jistgħu jagħmlu dan billi jinstallaw submeter tal-elettriku. Il-Viċi Sindku Joe Debono għamel referenza għal fatt li fejn kien hemm il-Boċċi Club qabel hemm cable tad-dawl għaddej u hu ssuġġerixxa li tkun idea tajba li dan jitqabbad mal-pannelli voltaiċi.

20.9.7 Finalment għanda nkunu onorati li ħdima id f'id mal-Paroċċa u għaqdiet u kellna xahar fejn vermanet għamilna lil Għajnsielem destinazzjoni tal-Milied.

## 20.10 Hsarat f'Betlehem f'Għajnsielem wara l-maltemp u użu tal-kmamar

20.10.1 Sfortunatament wara l-maltempata 'Storm Harry' pajjiżna ġarrab diversi ħsarat. Fortunatament ma' weġġa ħadd. Iżda Bethlehem f'Għajnsielem ġarrab diversi ħsarat fl-istrutturi u għalhekk rridu naraw li nitolbu lil Ministeru għajnuna meħtieġa sabiex nirrangaw dak li hemm bzonn filwaqt li nitkellmu mal-għaqdiet, partikolarment l-Għaqda Armar għaliex it-taverna ġarrbet ħafna ħsara dwar possibilta ta' skemi ta' għajnuna għal NGO. Sar qbil li għandna nikkoordinaw magħhom biex japplikaw għal ħsara li ġarrbu.

## 20. 11 Attivita thawwil tas-Sigar f' Ta' Passi

20.11.1 L-Għaqda 'Siġar' tixtieq tħawwel numru ta' siġar f'Għajnsielem. Ġiet identifikata żona f'Ta' Passi biswit il-forn li hija devoluta lil Kunsill fejn hemm possibilta li jitħawwlu ammont tajjeb ta' siġar. Il-bidwi Abraham Scicluna offra li jieħu ħsieb hu lt-tisqija ta' dawn is-siġar filwaqt li jkun jista jħalli n-nagħaġ jirgħu f'din il-parti u jkomplu jkunu ta' attrazzjoni għal Bethlehem f'Għajnsielem anke matul is-sena. Fl-attivtia tat-tħawwil il-ħsieb hu li ninvolu t-tfal tal-iskola u anke l-anzjani ta' Dar San Ġużepp. Attivita simili saret madwar seba' snin ilu ġewwa Ta' Passi wkoll u llum is-siġar kolla kibru u komplew issebħu din iż-żona. Sar qbil li aħna nakkwistaw is-sigar u hu lest li jieħu hsieb it-tisqija u l-manutenzjoni tagħhom.

## 20.12 Partecipazzjoni fi Proġetti tal-EU: Interreg Italia-Malta u Erasmus

20.12.1 Is-Sindku rrefera għal TOLFARTE li qed tistieden lill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem biex jissieħeb f'inizjattiva tal-Erasmus+ Youth marbuta mal-festival kulturali tagħhom. Il-proġett joffri opportunità ta' taħriġ prattiku u esperjenza diretta fil-manigerjalità kulturali u l-arti għal żgħażagħ u operaturi lokali, bl-ispejjeż kollha (vjaġġar u akkomodazzjoni) mħallsa kompletament mill-fondi Ewropej. F'dan l-istadju, il-Kunsill mhuwiex mitlub joħroġ flus, iżda jeħtieġ biss konferma ta' interess sabiex il-lokalità tkun tista' tiġi inkluża fl-applikazzjoni u jinfetaħ djalogu għal koperazzjoni futura.

20.12.2 Il-kumpanija PRISM minn Sqallija qed tistieden lill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem biex ikun sieħeb f'inizjattiva ġdida taħt il-programm Interreg Italja-Malta. Il-proġett, bl-isem ta' SHAREMED, għandu l-għan li jtejjeb il-governanza bejn iż-żewġ pajjiżi permezz ta' sistemi diġitali u mudell komuni ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Il-Kunsill huwa meqjus bħala sieħeb kruċjali biex jgħin fl-ittestjar ta' dawn l-għodod f'kuntest amministrattiv reali. Għas-sieħeb Malti, qed jiġi previst baġit indikattiv ta' madwar €500,000.

## 20.13 Tolfarte

20.13.1 Is-Sindku għamel referenza għad-diskussjonet li għaddejjin mal-Kunsill ta' Tolfa sabiex ntellgħu studenti u alljievi tal-Banda San Ġużepp għal Tolfarte li din is-sena se jaħbat 7,8 u 9 Awwissu. Is-Sindku ta' Tolfa qaltilna li jekk nikkonfermaw kmieni ikunu jistgħu jirranġawlna għall-akkomodazzjoni. Sar qbil li jekk nipproċedu b'dan il-pjan, il-banda toħroġ parti mill-ispiża.

## 20. 14 Proġett tal-Pjazza Madonna ta' Loreto

20.14.1 Hekk kif il-Kunsill Lokali Għajnsielem qiegħed fil-proċess li jissotometti l-applikazzjoni tal-proġett ta' tisbiħ tal-Pjazza Madonna ta' Loreto mal-Fond tal-Iżvilupp tal-Awtorita tal-Ippjanar (DPF), fl-21 ta' Jannar saret laqgħa mal-Bord li jieħu ħsieb dan il-fond. Flimkien mal-Perit Godwin Sultana ġie diskuss kif l-aħjar mod għanda ssir l-applikazzjoni. Bħala fondi il-Kunsill

għandu €659,000 disponibili mid-DPF. Il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar kif wkoll il-Parroċċa t'Għajnsielem se jkunu partners u firmatorji mal-Kunsil. Ġie diskuss wkoll l-possibilta li l-fond allokat għal NGO jintuża sabiex jsir l-intervent urġenti fil-kampnar billi hemm problemi ta' struttura. Wara il-laqgħa bgħatna lis-Segretarju Permanenti fi ħdan Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex issir laqgħa b'urġenza u jiġi finalizzat l-MoU għal bqija tal-finanzjament. Il-laqgħa ser ssir fil-28 ta' Jannar. Il-Gvern huwa committed li l-Ministeru għal Għawdex fil-budget tiegħu, ser jgħin fil-proġett tal-Pjazza.

**20.15 Update dwar il-Proġetti**

20.15.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update tal-proġetti kurrenti:-

20.15.2 **Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Il-permess huwa approvat mill-Awtorita tal-ippjanar permezz ta' DNO. (DN/00916/25). Il-proġett jinkludi pavimentar, it-taraġ, dawl u tisbiħ ieħor. Ms Michelle Vella ġiet mitluba tibda l-proġess tad-drafting tat-tender filwaqt li l-inġinier Simon Mizzi se jkun l-inġineer tal-Kunsill fuq dan il-proġett.

20.15.3 **Triq Ħamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.

20.15.4 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u illuminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jinbeda kmieni din is-sena.

20.15.5 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Il-ftuħ uffiċjali kellu jsir fil-21 ta' Jannar iżda tħassar minħabba il-maltemp. Issa huwa ppjanat li se jsir fi Frar.

20.15.6 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Road Construction din il-ġimgħa kompla bix-xogħol fil-ġibja ta' Wied Rgħajjes wara li kien ilu wieqaf minn Novembru.
- Ix-xogħol fuq it-taraġ ta Fuq il-Għajn miexi tajjeb fejn il-hardstone travertine tpoġġa u isa qed jsiru il-planters fil bricks u corten steel u se tinkludi sistema ta' water irrigation.

20.15.7 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Ix-xogħol miexi u qed jiġi mmoniterjat mit-team ta' Project Green.

20.15.8 **Bini Arkata**

- Qed nistennew responsibility form tigi sottomessa mill-Perit sabiex immexxu.

20.15.9 **Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar ġiet sottomoessa.
- Qed nistennew mill-Lands 'No objection'

20.15.10 **Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Xogħol ta restawr tal-Monument Vittmi gwerra huwa lest. Għalissa m hemx ippjanati aktar intereventi sakemm jigi diskuss kif se jiġi ffinanzjajt il-bqija ta progett kollu u jekk hux se jkun prijorita.

20.15.11 **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Ix-xogħol mistenni jibda fil-gimgħat li jmiss u bħalissa qed nistennew is-samples tal-rħam

**20.16 Problema parkeġġ Triq Provigarju**

**20.16.1** Ġiet trattata t-talba sabiex Triq Provigarju il-parti il-ġdida ssir kollha double yellow line n-naħa tal-għelieqi minħabba li hija dejqa u qed jeħel it-traffiku. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan iżda sar qbil li għandna nipproċedu billi nagħmlu No Heavy vehicles parking.

**20.17 Ġbir skart fil-perjodu tal-Festa**

20.17.1 Il-Kunsill qabel li għal ġbir tal-iskart fil-perijodu tal-festa għandu jiġi ppublikat tender għal xi toroq u jsir ftehim mal-Ministeru għal Għawdex għal oħrajn għaliex l-ispiża tat-tipping fees tas-sena l-oħra kienet kbira wisq.

**20.18 Materji oħra**

20.18.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**20.19 Approvazzjoni ta' kontijiet ta' progetti**

20.19.1 Ġew imressqa kontijiet ta' parti minn żewġ proġetti għall-approvazzjoni dak ta:-

- Road Structures Ltd: l-ammont ta' €85,807.93 bħala ħlas finali tal-proġett tal-Qigħan,

- Gatt Construction Ltd bħala tħammil tal- proġett playing field ta' Project Green għall-ammont ta' € 131386.91. Dan l-ammont ġiet iċċertifikat mill-Perit u ser jiġi preżentat għal-ħlas mill-parti tal-Public Works.
- Dak ta' Mark Attard bħala l-ewwel parti tal-kont tat-taraġ għall-ammont ta' 50,507.19 u
- L-aħħar kont ta' Mark Attard għall-cladding tal-faċċata tal-Iskola Primarja.

20.19.2 Il-pagamenti lkoll ġew iċċertifikati mill-Periti u ġew approvati mill-Kunsill għall-ħlas.

**20.20 Approvazzjoni tal-Performance Appraisal tal-Istaff tal-Kunsill**

20.20.1 Is-Sindku Kevin Cauchi preżenta l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Huwa propona li s-Sinjura Haber tingħata l-Performance Bonus massimu ta' 10% tas-salarju tagħha peress li twettaq xogħolha tajjeb ħafna u b'dedikazzjoni kbira kemm lejn il-Kunsill kif ukoll lejn iċ-ċittadin. Hu spjega kif hi taħdem bi professjoni f'dawk li huma applikazzjonijiet ta' skemi u tmexxija tal-Proġetti tal-Unjoni Ewropea li jirrikjedu dedikazzjoni u responsabilita' kbira. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan u li għandha tingħata l-massimu bil-qawwa kollha. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat minn qalbha lill-Kunsill tal-fiduċja li għandhom fiha u tal-apprezzament ta' xogħolha u sens ta' teamwork li jaħdmu bih u li dan kollu jimmotivaha għal ħafna aktar ħidma ma' dak it-tim li hija ddeskrivit bħala 'it-tieni familja tagħha'.

20.20.2 Fir-rigward tal-istaff, is-Segretarju Eżekuttiv proponiet li għandhom jingħataw il-Performance Bonus massimu dak ta' 10% għax xogħol impekkabbli li jwettqu. Il- Kunsill qabel unanimament ma' dan.

**20.21 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

20.21.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 149 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**20.22 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-3:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Frar fin-12:30 wara nofsinhar.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**